**Mis-sena l-oħra sal-1 ta' Ottubru li ġej, l-Ordni Karmelitan kollu (O.Carm u O.C.D.) qiegħed ifakkar il-Bolla ta' Innoċenzu IV ta' l-1 ta' Ottubru 1247 li biha reġa' ikkonferma r-Regola proprja ta' l-Ordni Karmelitan. Dan l-artiklu juri fil-qosor ir-Regola Karmelitana fl-isfond storiku tagħha.**

# L-ORDNI KARMELITAN

## IR-REGULA KARMELITANA

### I. Min Kitibha

Fid-daħla (Prologu) tar-Regula hemm imniżżel min huwa l-awtur tagħha: "Albertu, imsejjaħ mill-grazzja t'Alla, Patrijarka tal-Knisja ta' Ġerusalemm ... "la darba qegħdin titolbuna, nagħtukom għamla ta' ħajja (regula) ...".

Albertu Avagadro, x'aktarx imnissel mill-familja nobbli ta' Sabbioneta, twieled għall-ħabta ta' nofs is-seklu tnax f'Castel Gualtiero fid-Djoċesi ta' Gualtirolo, Reggio Emilia, Italja. Fis-sena 1180 intagħżel Pirjol tal-Kanonċi Regulari tal-Kunvent ta' Santa Croce fil-belt ta' Pavia. Fl-1184 inħatar Isqof ta' Bobbio u fis-sena ta' wara ittrasferewh fid-Djoċesi ta' Vercelli fejn dam 20 sena bħala isqof mimli ħila u għaqal u wettaq diversi ħidmiet kbar l-aktar għall-paċi. Il-Papa Innoċenzu III għażlu biex ikun wieħed mill-kunsillieri għar-regula tal-Ordni tal-Umiljati. Fl-1205 l-istess Papa ikkonferma lil Albertu bħala Patrijarka ta' Ġerusalemm u innominah Legat Pontifiċju għall-provinċja kollha ta' Ġerusalemm.

Albertu wasal fl-Art Imqaddsa għall-bidu tal-1206. Billi Ġerusalemm waqgħet taħt i-ħakma tas-Seraċini, il-Patrijarka l-ġdid għażel bħala sede tiegħu l-belt ta' Akkon. Il-Papa Innoċenzu III stiednu personalment biex jieħu sehem fil-Konċilju Lateran IV; iżda waqt li l-Patrijarka Albertu kien jikkumpanja fil-purċissjoni tas-Salib (14 ta' Settembru, 1214) is-supretendent tal-isptar "Santu Spirtu' qatlu b'daqqiet ta' stallett talli neħħieh, minħabba l-kondotta ħażina tiegħu, mill-kariga tiegħu fl-isptar.

Għaldaqstant, il-Patrijarka Albertu kiteb ir-regula Karmelitana bejn l-1206 u 1214; fl-Ordni Karmelitan issirlu l-festa fis-17 ta' Settembru.

### II. Lil Min Kitibha

"... lill-ulied maħbuba fi Kristu, B(rokard) u lill-eremiti l-oħra li jgħixu taħt l-ubbidjenza tiegħu, ħdejn l-Għajn fil-Għolja Karmel ..." (mid-daħla [Prologu] tar-Regula).

Ta' min jiftakar illi fil-Knisja qatt ma naqsu dawk l-insara li ħallew id-dinja, biex jgħixu ħajja ta' faqar u ċaħda f'postijiet imbegħda minn nies, bħala eremiti. Għal dan il-għan, l-aktar fis-sekli ħdax u tnax, twaqqfu għadd kbir ta' eremitaġġi fl-Ewropa tal-Punent. Ħafna minn dawn l-eremiti ħallew art twelidhom u marru bħala pellegrini fl-Art Imqaddsa bil-wegħda li jibqgħu jgħixu fiha biex jgħammru qrib Kristu u qrib in-nies magħrufa fl-Iskrittura.

Uħud minn dawn l-eremiti għażlu li jgħixu ħdejn il-Għajn tal-Profeta Elija fuq l-għolja Karmel. Fl-

ewwel snin tas-seklu tlettax dawn talbu lill-Patrijarka ta' Ġerusalemm, Sant'Albert biex jiktbilhom "għamla ta' ħajja" ħalli b'mod organizzat jilħqu l-idejal tagħhom ta' sudditi lejali ta' Kristu fis-saltna tiegħu fuq din l-art, fil-Palestina.

### III. Ir-Regula u s-Santa Sede

L-ewwel intervent mill-Papa dwar din l-"għamla ta' ħajja" sar minn Onorju III fit-30 ta' Jannar 1226. Imbagħad din issejħet Regula mill-Papa Gregorju IX fl-ittra tiegħu "Ex officii nostri..." tas-6 ta' april 1229. Fost il-ħafna ittri papali li Innoċenzu IV ħareġ favur il-Karmelitani, l-aktar importanti hija dik ta' l-1 ta' Ottubru 1247. B'din il-Bolla ġiet ikkonfirmata r-Regula riveduta minn żewġ Kummissarji Papali u b'hekk l-Ordni daħal fl-istat tal-Mendikanti.

Il-Papiet Alessandru IV (1256), Urbanu IV (1261), Nikol IV (1298) komplew ikkonfirmaw ir-Regula mitigata minn Innoċenzu IV. Fil-15 ta' Frar 1432, Ewġenju IV ta l-permess lill-Karmelitani li joqogħdu barra mill-kmamar u naqqas il-granet tal-astinenza preskritti mir-Regula.

### IV. It-Test tar-Regula

Ma wasalx għandna t-test oriġinali ta' "l-għamla ta' ħajja" miktuba minn Sant'Albert, jiġifieri t-test ta' qabel it-tibdiliet li saru fl-1247. It-test, x'aktarx l-aktar antik, magħrufa bħala "Regula Primitiva", qiegħed f'ġabra ta' kotba li saret fl-aħħar tas-seklu XIV minn Filippu Riboti, patri karmelitan spanjol. It-test tar-Regula, ikkoreġuta u riveduta fi żmien il-Papa Innoċenzu IV (1247), insibuh f'kopja awtentika miżmuma fl-arkivju tal-Vatikan.

Ir-Regula Karmelitana, kif miktuba fid-diversi Bolli Papali (ta' Innoċenzu IV [1247]; Alessandru IV [1256]; Nikola IV [1289]) mhix maqsuma f'kapitali: dawn jidhru għall-ewwel darba fis-sena 1342. Il-għadd tagħhom varja minn 10 sa 18; in-numru presenti (Prologu u 18-il Kapitlu) beda fis-sena 1586.

### V. F'hix Tikkonsisti

L-idejal tar-Regula Karmelitana nsibuh imfisser fil-Prologu (daħla) tagħha stess: "... kull wieħed ... għandu jgħix f'ubbidjenza lejn Ġesù Kristu u fedelment jaqdih b'qalb safja u b'kuxjenza tajba ...". Kif jistqarr il-Leġislatur innifsu, ir-Regula nkitbet bil-ħsieb li tagħti l-mezzi ħalli jintleħaq dan l-idejal fil-ħajja tal-Eremiti Karmelitani. It-tmintax-il kapitlu, li fil-preżent hi magħmula minnhom faċilment jistgħu jinqasmu f'żewġ partijiet: parti ġuridika u parti axxetika.

- Il-parti ġuridika tħaddan ħdax-il kapitlu: 1, 2, 3, 4, 5, 6, 9, 10, 11, 17 u 18. L-ewwel sitt kapitli jittrattaw mill-ħajja komunitarja taħt l-aspett leġislattiv u ambjentali; il-kapitali 9, 10 u 11 jitħaddtu mill-ħajja ekonomika, liturġika u amministrattiva; il-ħajja ċenobitika u interpersonali hija mfissra mill-aħħar żewġ kapitli: 16 u 17.

Din il-parti ġuridika tfittex li fi ħdan l-ewwel grupp ċenobitiku (Brokard u l-eremiti l-oħra li jgħixu taħt l-ubbidjenza tiegħu) ikun hemm ċerta stabilità fl-affarijiet meħtieġa għall-ħajja komunitarja billi jiġu ddeterminati l-elementi essenzjali għat-twaqqif u għat-tmexxija ta' ħajja flimkien u ordinata – jintgħażel superjur li jieħu ħsieb tal-aħwa (kap. 1) waqt li tinżamm bejniethom (superjur u aħwa) rabta ta' fraternità evanġelika (kap. 17 u 18); l-ikel (kap. 4), il-ħtiġijiet (kap. 9), it-talb (kap. 10) jitqiesu bħala atti komunitarji, għalkemm kulħadd ikollu kamra għalih fejn joqgħod (kap. 2,3,5). Waqt li dak li għandu jsir, irid jitwettaq skond ir-rieda tas-Superjur (kap. 6), l-osservanza tal-ordinament tal-ħajja u tas-salvazzjoni tar-ruħ jiġu diskussi bejn l-aħwa kollha, (kap. 11).

- It-tieni parti (axxetika) tinkludi seba' kapitli: 7, 8, 12, 13, 14, 15 u 16 li jitrattaw mill-ħajja axxetika-spiritwali. Din hija ħajja ta' ubbidjenza lejn Kristu Ġesù – nobduh (*in obsequium Jesu Christi vivere*) meta

ningħaqdu miegħu permezz tal-meditazzjoni tal-liġi tiegħu u nishru fit-talb (kap. 7). Bħala mezzi li jgħinuna ngħixu l-ħajja t'għada m'Alla, f'Ġesù Kristu Sidna, il-Leġislatur jirrikmandalna: ir-reċita tas-salmi u t-talb liturġiku (kap. 8); il-kontroll tal-ġisem (kap. 12 u 13); l-użu tal-armi spiritwali (kap. 14 u 16); attivitajiet axxetiċi (kap. 15).

## VI. L-Importanza tar-Regula

L-aspett axxetiku–spiritwali, imfisser f'dawn is-seba' kapitli, jiġbor fih il-qofol tat-tweġiba mogħtija minn Sant'Albert lill-Brokardu u sħabu l-eremiti: tweġiba li tipproponi għamla ta' ħajja li taqbel mal-idejal eremitiku: (a) ħajja ta' ubbidjenza lejn Ġesù meta lejl u nhar iħarsu l-liġi tiegħu (b) ħajja ta' servizz fidil lil Kristu x'ħin bla heda jishru fit-talb.

Il-ħajja tan-nisrani għandha tkun ibbażata fuq is-smiegħ tal-Kelma t'Alla mwassla lilna minn Kristu Sidna. Nisimgħu u nobdu l-Kelma divina meta nimmeditawha, fis-sens li nagħmluha ħaġa waħda magħna hekk illi ħsibijietna u egħmilna jkunu maħkuma u mmexxija minn din il-Kelma t'Alla.

Ħajjitna, f'kull waqt, trid tkun ħajja ta' servizz 'l Alla x'ħin nagħmlu kulma jistenna minn għandna: nagħarfuH bħala Sid u Missier tagħna (adorazzjoni); inroddulu ħajr ta' kull ma jagħmel magħna (ringrazzjament); nitolbuh maħfra tan-nuqqasijiet (riparazzjoni); u l-għajnuna li neħtieġu (petizzjoni). Ħajja ta' talb li biha naqdu 'l Alla l-Missier f'dak kollu li jitlob minna uliedu.

Diversi kawżi storiċi tas-sekli tnax u tlittax (p.e. l-Eremitiżmu fl-Oċċident; il-Pellegrinaġġi lejn l-Art Imqaddsa; is-sistema Fewdali) kellhom influss kbir fil-formulazzjoni tar-Regula karmelitana. Però l-ideja fundamentali tagħha togħla 'l fuq mill-ġrajjiet ta' l-istorja: ir-Regula tesprimi verità evanġelika, cioè ubbidjenza sħiħa u servizz fidil lejn Kristu. Dan huwa idejal kristoċentriku ippresentat b'mod personali u oriġinali mill-awtur Sant'albert, idejal li, kull min hu msejjaħ biex iħaddnu, jesperimenta kemm tassew huwa vitali u attwali.




***Dan hu ritratt tad-Dokument tal-Bolla tal-Papa Innoċenzu IV li jinsab fil-Vatikan.***